Ministeru ta' l-Edukazzjoni

# *POLITIKA DWAR L-IMĠIEBA TAJBA U D-DIXXIPLINA GĦALL-ISKEJJEL*

Test maħruġ mill-:

**Kumitat responsabbli**
**mill-Kodiċi tad-Dixxiplina u l-Imġieba fl-Iskejjel,**

Ministeru ta' l-Edukazzjoni

MALTA

Ġunju 2001

## WERREJ

**Paġni**


**L-Ewwel Taqsima: Daħla**
2 1.1 Sfond
2 1.2 Għan
2 1.3. Fatturi Importanti
2 1.4 Responsabbiltajiet
3 1.5 Prinċipji ta' ħidmiet tajbin

**It-Tieni Taqsima: Kriterji dwar l-Imġieba ta' l-Istudenti**
5 2.1 Introduzzjoni
5 2.2 Kriterji dwar l-imġieba ta' l-istudenti
8 2.3 Żvilupp ta' Standards għall-Klassi

**It-Tielet Taqsima: Inkorraġiment, Affermazzjoni, Premjijiet u Sanzjonijiet**
9 3.1 Introduzzjoni
9 3.2 Inkorraġiment, Affermazzjoni u Premjijiet
10 3.3 Sanzjonijiet

**Ir-Raba' Taqsima: Linji-Gwida għal Każijiet Speċjali**
13 4.1 Linji-Gwida għal Każijiet Speċjali

**Il-Ħames Taqsima: Imġieba mixtieqa mill-Ġenituri**
16 5.1 Introduzzjoni
16 5.2 X'għandhom jistennew l-Iskejjel mill-Ġenituri

**APPENDIĊI**
18 i: Dokumenti kkonsultati
20 ii: Membri tad-*Drafting Team*
20 iii: Glossarju

## L-Ewwel Taqsima: Introduzzjoni

### *1.1 Sfond*

Bi qbil ma' paragrafu 47(d) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327)[1] il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni waqqaf kumitat lejn l-aħħar tas-sena 2000 biex iħejji linji-gwida dwar il-politika ta' mġiba u dixxiplina fl-iskejjel. Id-dokument irrevoka *r-Regoli tad-Dixxiplina għall-Iskejjel tal-Gvern* ippubblikati fl-1980.

### *1.2 Għan*

Id-dokument jipprovdi l-iskejjel b'linji-gwida wesgħin li jkunu jistgħu jgħinu lill-komunitajiet ta' l-iskejjel biex jiżviluppaw Kodiċi ta' Mġieba u Dixxiplina għalihom ħalli:

- Jinħoloq fl-iskola ambjent li jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-iskola bl-inqas tilwim possibbli;
- Ikunu stabbiliti limiti ċari li jiftiehmu mill-ewwel mill-istudenti, l-istaff u l-ġenituri; Tingħata għajnuna lill-istaff fl-immaniġġjar ta' l-imġieba ta' l-istudenti;
- Tinħoloq atmosfera ta' ftehim u koperazzjoni miż-żewġ naħat; Jiġu żviluppati u mħarsa kriterji għolja ta' mġieba tajba;
- Tingħata s-setgħa lill-istudenti biex jassumu responsabbilta' għal ħajjithom.

### *1.3 Fatturi Importanti*

Xi fatturi mportanti f'Kodiċi ta' Mġieba u Dixxiplina jinkludu:

- Il-kuntest tagħha huwa l-komunita' fi ħdan l-iskola fejn ir-rispett reċiproku, il-koperazzjoni u t-tħaddim ta' valuri umanistiċi jkunu fatturi integrali.
- Il-Kodiċi taqbel mad-drittijiet u d-dmirijiet tal-partijiet kollha konċernati - l-amministrazzjoni, l-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri tagħhom, kif ukoll is-support staff.
- Il-Kodiċi għandha tirrikonoxxi li kull skola għandha ċ-ċirkustanzi partikulari tagħha u li għalhekk dawk biss li huma involuti mill-qrib fl-iskola jistgħu joħolqu Kodiċi ta' Dixxiplina addattat għal dik l-iskola.
- Il-kriterji tal-Kodiċi jinfirxu fl-attivitajiet ta' l-iskola u joħolqu sens ta' għaqda fiha.
- Il-Kodiċi tirrikonoxxi li l-istil tat-tmexxija tal-Kap ta' l-Iskola huwa kruċjali biex tinkoraġġixxi sens ta' responsabbilta' kollettiva qalb l-istaff u sens ta' impenn lejn l-iskola fost l-istudenti u l-ġenituri tagħhom.

### *1.4 Responsabbiltajiet*

*Responsabbiltajiet maniġerjali:* L-amministrazzjoni ta' kull skola hija responsabbli biex tiżgura li l-Kodiċi tad-Dixxiplina u Imġieba hija ġusta u effettiva, u tkun riflessa fir-regoli, fir-rikonoxximent ta' l-isforzi ta' l-istudenti, fis-sanzjonijiet u fit-

tħaddim ta' proċeduri. Dawn għandhom jiġu żviluppati u mplimentati bl-għajnuna tal-parteċipazzjoni ta' l-istaff, l-istudenti, u l-ġenituri. Il-kap ta' l-iskola għandu r-responsabbilta' li joħloq ambjent li jiżgura li l-individwi fi ħdan il-komunita' ta' l-iskola jkunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom u jiżguraw li l-Kodiċi ta' l-iskola hija mħaddma b'mod ġust u konsistenti ma' kulħadd. Is-Senior Management Team għandu jara li ssir evalwazzjoni parteċipattiva ta' l-impatt tal-Kodiċi ta' l-iskola.

*Responsabbiltajiet ta' l-istaff:* L-impjegati kollha ta' l-iskola għandhom iħossuhom responsabbli il-ħin kollu għall-imġieba ta' l-istudeti kemm f'dak li jaraw u jisimgħu u għandhom jieħdu azzjoni immedjata f'każ ta' mġieba mhux xierqa. Ħadd ma jista' jiċħad li l-kwalita' tat-tagħlim għandha influwenza diretta fuq il-kwalita' ta' l-imġieba ta' l-istudenti u viċi-versa. Metodi tat-tagħlim li huma kreattivi u stimulanti huma dawk li l-iżjed jiġu milqugħa tajjeb u apprezzati mill-istudenti, speċjalment jekk ikunu abbinati ma' l-abbiltajiet ta' l-istudenti.

L-istaff ta' l-iskola għandu wkoll iżomm f'moħħu li l-imġieba u l-azzjonijiet tiegħu stess jaffettwaw l-imġiba ta' l-istudenti li jgħallem. Għalhekk huwa għandu sehem importanti biex joħloq ambjent li jrawwem u jsaħħaħ l-imġieba tajba u r-rispett reċiproku qalb il-membri kollha tal-komunita' ta' l-iskola - magħmula mill-*management team* ta' l-iskola, l-għalliema, is-support staff, l-istudenti, il-ġenituri, il-Kunsill ta' l-istudenti, il-Kunsill ta' l-Iskola, persuni oħra u nies professjonali li jagħtu servizz lill-iskola.

Għalkemm l-istaff għandu jkun sod u konsistenti fid-deċiżjonijiet tiegħu, kull intervent biex tiġi kkontrollata mġieba ħażina m'għandux jinkludi theddid, dikjarazzjonijiet ambigwi, ċanfir jew kastigi li jikkundannaw lill-individwu flok l-azzjoni nnifisha. Kummenti sarċastiċi li bla dubju ta' xejn iwweġġgħu, jantagonizaw, u jpaxxu studenti brikkuni għandhom jiġu evitati għal kollox. Jekk jintużaw ta' spiss kliem u azzjonijiet li jxejnu l-motivazzjoni tal-istudenti u jeqirdu l-ispirtu tagħhom, jinħoloq lok għall-abbuż emozzjonali. Min-naħa l-oħra l-umorizmu għandu s-saħħa li jdgħajjef it-tensjoni li tinħoloq f'ċerti ċirkustanzi.

*Responsabbilta' tal-ġenituri:* Il-ġenituri u ambjent tad-dar li joffri appoġġ għandhom sehem importanti fl-għaġna ta' l-attitudnijiet li joħolqu mġieba tajba fl-iskejjel. Għalhekk, minbarra li huwa ta' siwi kbir li l-ġenituri jkunu konxji ta' l-għanijiet, valuri kif ukoll tat-tip ta' mġieba mixtieqa fl-iskola, ikunu wkoll imħeġġa jipparteċipaw fit-tiswir tal-Kodiċi ta' l-iskola.

*Responsabbiltajiet tal-istudenti:* L-istudenti nfushom għandhom japplikaw għat-tagħlim u t-tħaddim ta' ħiliet importanti fil-ħajja bħall-kontroll ta' l-individwu fuqu nnifsu, l-immaniġjar ta' kunflitti, modi ta' kif isolvi l-problemi, teħid ta' deċiżjonijiet, u komunikazzjoni effettiva ma' l-oħrajn u miegħu nnifsu. Għandhom jifhmu li l-imġieba ħażina tħalli konsegwenzi koroh filwaqt li l-imġieba tajba ssawwar ambjent xieraq fil-komunita'. L-istudenti huma mistennija jipparteċipaw b'mod attiv fil-laqgħat li jsiru fil-klassi, fil-kunsilli ta' l-studenti, u fl-iżvilupp ta' Kodiċi ta' l-iskola, u jieħdu rwol ta' tmexxija permezz tas-sistema tal-*prefects* tal-klassi.

L-istudenti huma mħeġġa u mistennija jirrappurtaw lill-membri ta' l-istaff inkarigati kull għamla ta' bullying, vandaliżmu, u abbużi oħra.

### *1.5 Prinċipji dwar ħidmiet tajba*

Jekk l-iskejjel jimxu mal-prinċipji t'hawn taħt jirnexxilhom jimxu 'l quddiem biex jiżguraw suċċess fil-proċess diffiċli u kumpless ħalli jiġu miżmuma l-livelli għolja ta' dixxiplina u mġieba.

**Politika:** Politika ta' mġieba u dixxiplina fl-iskola għandha tiġi żviluppata bil-ħsieb u bil-kunsens tal-partijiet kollha inkluż il-ġenituri. Din il-politika tistabbilixxi prinċipji ċari u li jistgħu jkunu mħarsa, toħloq limiti ta' mġieba aċċettabbli, tipprovdi linji-gwida biex tittieħed azzjoni, u tkun imħaddma bis-sħiħ u b'mod konsistenti. Għandu jingħata tagħrif dwar din it-tip ta' politika lill-membri kollha fi ħdan il-komunita' ta' l-iskola kif ukoll lill-ġenituri.

**Ambjent San:** Il-mira ta' din il-politika huwa l-iżvilupp ta' ambjent san għall-iskola kollha. Dan għandu jkun ibbażat fuq insistenza kalma iżda soda ta' livelli għolja ta' mġieba f'kull ħin. F'dan il-kuntest probabbli li numru żgħir ta' studenti li kapaċi joħolqu sfidi, jagħmlu iżjed pressjoni fuq il-ħin u l-ħila professjonali ta' l-għalliema. Dawn it-talbiet għandhom jintlaqgħu b'mod li ma jqegħdux fil-periklu l-prinċipji fundamentali li tħaddan il-komunita' tal-iskola.

**Fatturi li jwasslu għal ambjent san:** Dan l-ambjent san huwa affettwat mill-attivitajiet kollha li jsiru fl-iskola. Kurrikulu li huwa ppjanat tajjeb iħaddan fih kwalita' għolja ta' tagħlim u l-għanijiet tiegħu jkunu ċari għal dawk kollha involuti. Minbarra li l-istudenti jkollhom sfida intelletwali, ikollhom ukoll l-opportunita' li jieħdu inizjattivi u jkunu responsabbli għall-progress tagħhom stess. Dan it-tip ta' tagħlim isir ukoll bis-saħħa ta' attivitajiet barra mill-klassi li wkoll jikkontribwixxu għall-iżvilupp personali u soċjali ta' l-istudent.

**Inċentivi għall-promozzjoni ta' mġieba tajba**: Fi ħdan din il-politika, hemm diversi metodi li jistgħu jinkoraġġixxu u jsaħħu l-isforzi ta' l-istudenti u l-irfigħ ta' responsabbiltajiet flimkien mal-kisba ta' premjijiet. L-użu ta' tifħir mistħoqq jegħleb is-sanzjonijiet eżistenti. Is-sanzjonijiet għandhom ikunu raġonevoli u abbinati mal-gravita' ta' l-inċident. Fejn is-sanzjonijiet huma wżati biex itejbu l-imġieba ta' l-istudenti, l-iskejjel għandhom jagħtu appoġġ lill-għalliema u joffrulhom l-opportunita' biex itejbu l-ħiliet tagħhom.

**Tmexxija:** It-tmexxija ta' l-iskola għandha tagħti eżempju tajjeb, b'għanijiet ċari u aspettativi għoljin. Dawn għandhom ikunu abbinati ma' superviżjoni tajba u rieda soda t'appoġġ. It-tmexxija ta' l-iskola trid tidentifika l-ħtiġijiet għall-taħriġ waqt l-impjieg, u tinkoraġġixxi l-iżvilupp neċessarju għaż-żamma ta' livelli għoljin.

**Relazzjonijiet:** It-twemmin ta' l-iskola hu msejjes fuq il-kwalita' tar-relazzjonijiet kollha li jeżistu f'kull livell: bejn is-'senior management team', l-għalliema, bejn l-għalliema nfushom, bejn l-għalliema u l-ġenituri, bejn l-għalliema u l-istudenti, bejn l-għalliema u nies oħra professjonali li joffru appoġġ, u bejn l-istudenti nfushom. Dawn it-tip ta' relazzjonijiet huma karatterizzati minn rispett reċiproku, billi jiġi mwassal messaġġ ċar lill-istudenti li huma utli, b'rieda tajba biex jisimgħu u jifhmu, u b'attitudni pożittiva lejn l-għalliema bħala nies professjonali u lejn l-istudenti li qegħdin jitgħallmu. Bis-saħħa ta' mudelli ta' mġieba tajba mill-adulti, hemm inkorraġiment kontinwu biex l-individwu jiżviluppa stima tiegħu nnifsu, id-dixxiplina/kontroll fuqu nnifsu u li jiġu mħarsa livelli għolja b'mod awtonomu.

**Sħubija akbar**: L-iskola tinqeda bis-setgħat tagħha permezz tas-sħubija mal-ġenituri, mal-komunita' tal-lokal u aġenziji oħra li joffru appoġġ. Dawn ir-relazzjonijiet jintużaw biex itejbu l-kwalita' ta' l-iskola bħala komunita', u biex jinżammu aspettativi għoljin. L-iskejjel għandhom jaħdmu biex jiġu mxandra l-ideat kollha marbuta ma' ħidmiet fejjieda.

## It-2 Taqsima: Kriterji ta' l-Imġieba ta' l-istudenti

### *2.1 Introduzzjoni*

L-imġiba ta' l-istudenti hija msejsa fuq rispett lejn l-individwu, rispett lejn l-oħrajn, rispett lejn l-iskola u l-komunita' tal-lokal, u rispett għall-ambjent.

### *2.2 Livelli ta' l-Imġiba ta' l-Istudenti*

#### *2.2.1 Imġieba mhux aċċettabli*

Minħabba li l-istudenti għandhom dritt jgħixu f'ambjent san u dixxiplinat, hu mistenni minnhom li jġibu ruħhom b'mod tajjeb u ordnat u juru rispett lejn in-nies kollha u lejn il-proprjeta', kemm fl-iskola kif ukoll fuq it-trasport ta' l-iskola. Mhux aċċettat li studenti: kontinwament itellfu l-klassi; jgħajtu, iħallu l-klassi mingħajr permess, juru nuqqas ta' rispett lejn l-għalliema u lejn l-istudenti l-oħra, jitlajjaw, jagħmlu x-xogħol b'negliġenza, jiġġieldu, jużaw lingwaġġ ħażin, jilagħbu goff, iġibu ruħhom ħażin ma' l-oħrajn, jitfgħu l-affarijiet lejn l-oħrajn, jibbulijaw lil xi ħadd u jinvolvu ruħhom f'atti ta' vandaliżmu.

#### *Laqgħat ta' filgħodu*

Il-laqgħat ta' filgħodu huma mezz importanti ta' komunikazzjoni. L-għan ta' laqgħa tajba filgħodu tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-ħarsien ta' ambjent ta' kwalita' tajba għall-istudenti kollha li jgħinhom biex igawdu l-esperjenzi għalenija ta' kuljum.

#### *Vjaġġar bit-Trasport ta' l-Iskola*

Waqt li l-istudenti jkunu qegħdin jivjaġġaw fuq trasport ta' l-iskola, huma għandhom iġibu ruħhom sew u b'mod rispettabli. Il-politika tad-dixxiplina għall-iskejjel tapplika sew għall-ivjaġġar fuq tal-linja kif ukoll waqt il-vjaġġ.

***Kodiċi ta' lbies***
L-istudenti kif ukoll l-għalliema mistennija jħarsu l-livelli għolja fid-dehra tagħhom. Din tgħinhom biex ikunu jħossuhom kburin bihom infushom u bl-iskola tagħhom. Hija wkoll importanti immens parti mill-mod kif l-istudenti jippreparaw ruħhom għad-dinja tax-xogħol, fejn il-mod kif wieħed jippreżenta ruħu jaffettwa ħafna l-ambizzjonijiet li wieħed irid jilħaq. L-istudenti mistennija jilbsu l-uniformi sħiħa ta' l-iskola, il-ħwejjeġ ta' l-isports relevanti, jew ħwejjeġ oħra magħżula mill-iskola f'każ li l-istudenti jkollhom attivitajiet barra mill-iskola. L-istudenti għandhom ikunu nfurmati dwar ir-regolamenti għall-ħin ta' l-iskola u barra mill-iskola rigward dehbijiet u stili tax-xagħar.

***Puntwalita'***
Il-puntwalita' hija importanti ħafna. L-istudenti kollha mistennija jaslu puntwali l-iskola, għal-lezzjonijiet, u għal xi funzjoni jew attivita' oħra fl-iskola. L-istudenti għandhom ikollhom il-materjal u l-apparat kollu neċessarju qabel ma jibdew il-lezzjonijiet.

***Xogħol ta' l-iskola***
L-istudenti għandhom jagħmlu l-almu tagħhom fit-twettieq tax-xogħlhom. Mhux aċċettabbli li jonqsu milli jagħmlu l-isforzi tagħhom u jieħdu interess f'xogħolhom. L-istudenti m'għandhomx jippretendu li xogħol magħmul bi traskuraġni jkun ikkoreġut jew jingħata marka.
Ix-xogħol kollu li jingħata għandu jkun magħmul fil-ħin. Jekk għal xi raġuni valida, ix-xogħol ma jkunx ippreżentat fil-ħin, l-istudenti huma mistennija jġibu nota mingħand il-ġenituri tagħhom u jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa ma' l-għalliema sabiex jingħataw aktar għajnuna jew ħin jekk dan huwa tassew meħtieġ.

*Bdil ta' klassijiet bejn il-lezzjonijiet*
Meta jkun meħtieġ li l-istudenti jmorru minn klassi għall-oħra dan għandu jsir malajr u bla dewmien. M'għandux ikun hemm tlajjar. Fejn is-sistema hi li l-istudenti għandhom il-klassi tagħhom, l-għalliema u l-'prefects' jew 'leaders' tal-klassi għandhom jiżguraw li fl-ebda ħin il-klassi m'għandha titħalla waħedha. L-istudenti mistennija jħarsu dawn ir-regolamenti ta' l-iskola.

*Attendenzi u Assenteiżmu*[3]
Il-ġenituri huma obbligati mill-liġi li jibagħtu lil uliedhom l-iskola regolarment, jekk dawn huma ta' l-eta' ta' l-iskola. Il-proċeduri diġa' stabbiliti għandhom jiġu segwiti. Fil-każ ta' l-iskejjel sekondarji, għandha tinżamm attendenza għal kull lezzjoni.

L-istudenti jistgħu jitilqu mill-iskola jekk jiġu għalihom il-ġenituri jew xi ħadd li jieħu ħsiebhom, (a) jekk dawn jippreżentaw il-karta ta' l-identita', jew (b) ikunu ġabu permess mingħand il-Kap ta' l-iskola jew rappreżentant tiegħu/tagħha.

*Ħarġiet Organizzati*

Ħarġiet edukattivi, 'field trips' u seminars huma awtorizzati u jistgħu jitqiesu bħala estensjoni ta' dak li jsir fil-klassi u b'hekk qegħdin jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet edukattivi ta' l-iskola. L-istudenti mistennija jattendu dawn l-attivitajiet. Meta jkunu fuq dawn il-ħarġiet, l-istudenti għandhom iżommu f'moħħhom li huma mistiedna u qegħdin jirrappreżentaw l-iskola. L-istudenti għandhom ikollhom rispett u jġibu ruħhom sew lejn l-għalliema, il-gwidi u dawk kollha li jgħinu b'xi mod. L-iskejjel għandhom jinfurmaw lill-ġenituri minn qabel u jġagħluhom jiffirmaw.

*Proprjeta'*

L-istudenti għandhom jirrispettaw il-proprjeta' ta' l-iskola, l-għamara, il-bini, il-kotba, xi materjal u apparat li jintuża' fl-iskola. L-istudenti għandhom irwol importanti fiż-żamma ta' ambjent nadif u attraenti.

Kemm jista' jkun possibbli, il-kotba għandhom jinħarġu fil-bidu ta' l-iskola. L-istudenti jridu jiffirmaw għall-kotba li jirċievu u jirritornaw. L-istudenti huma responsabbli mill-kotba ta' l-iskola u materjal ieħor edukattiv u apparat li jingħata lilhom, u m'għandhom bl-ebda mod jgħarrquhom jew jgħaffġuhom. Huma jeħlu multa jekk jitilfu jew jagħmlu ħsara lil xi oġġett minn dawn.

F'każ li intenzjonalment, l-istudenti jagħmlu ħsara lill-iskola jew lill-affarijiet personali ta' l-oħrajn, il-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsieb l-istudenti għandhom jagħmlu tajjeb għal din il-ħsara. Il-multi li jeħlu jammontaw għall-prezz ta' l-oġġett imkisser jew meqrud. Anki dawk li jinqabdu jisirqu, jiġu ttrattati b'dan il-mod.

*Il-Brejk ta' Nofsinhar*

L-istudenti għandhom jieħdu l-*lunch* tagħhom fl-iskola. F'każijiet rari, l-istudenti jitħallew imorru d-dar biex jieħdu l-*lunch*. F'dan il-każ, l-istudenti jridu jkollhom permess bil-miktub mingħand il-ġenituri. Dawk l-istudenti li jkunu ġabu permess biex imorru d-dar jieklu f'nofsinhar għandhom jiffirmaw x'ħin joħorġu u x'ħin jidħlu f'uffiċċju apposta, u jkunu akkumpanjati mill-ġenituri.

*Il-Lockers*

Fejn il-*lockers* diġa' jeżistu, dawn għanhom jitqiesu bħala proprjeta' ta' l-iskola. L-istudenti jistgħu jużaw il-*lockers* biss biex iżommu materjal ta' l-iskola u oġġetti personali neċessarji għall-iskola. Huwa dmir ta' kull student li jżomm il-locker nadif u ma jagħmillux ħsara. Min jagħmel ħsara lil-*lockers* ikollu jħallas tiegħu.

Tista' ssir tfittxija fil-*lockers* kull meta jinħass il-bżonn mill-amministrazzjoni ta' l-iskola.

Jekk jinstabu oġġetti fil-lockers li jmorru kontra l-politika, ir-regolamenti u r-regoli ta' l-iskola, dawn għandhom jittieħdu minnufih. Jekk jinstabu oġġetti illegali bħal armi jew xi kimika, dawn għandhom jiġu referuti lill-pulizija. F'dan il-każ, kif ukoll f'każijiet oħra fejn ikun hemm suspett ta' abbuż ta' droga, l-amministrazzjoni ta' l-

iskola għandha tikkonsulta l-politika uffiċjali maħruġa mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni dwar abbuż ta' sustanzi. (Tackling Substance Abuse - Sept 01)

Kull tant żmien għandhom isiru spezzjonijiet fl-iskola biex isir magħruf kif qegħdin jinżammu l-*lockers*. Dawn isiru biex jiġi żgurat li l-lockers huma nodfa u miżmuma tajjeb.

L-istudenti m'għandhomx iżommu flus jew oġġetti ta' valur fil-*lockers*. L-iskola mhix responsabbli għal serq jew oġġetti nieqsa mil-*lockers*.

L-istudenti m'għandhomx iwaħħlu posters fil-*lockers* tagħhom. L-għalliema għandhom dritt jieħdu l-posters u jgħadduhom lill-Kap ta' l-Iskola.

*Imġieba f'Postijiet Komun*
Meta l-istudenti jkunu fil-librerija, fil-laboratorji, f'postijiet fejn jieklu bħal canteens, fi btieħi u postijiet oħra komuni, għandhom iġibu ruħhom tajjeb bl-istess mod kif iġibu ruħhom fil-klassi. Għandhom jinżammu livelli għolja ta' ndafa u mġieba tajba anki fit-tojlits.

*Oġġetti Projbiti*
Kull oġġett li jista' jagħmel ħsara morali jew fiżika huwa assolutament projbit.

Oġġetti ta' valur: L-istudenti għandhom id-dmir li jieħdu ħsieb l-affarijiet tagħhom u m'għandhomx iġibu oġġetti ta' valur jew ħafna flus l-iskola.

It-telefons ċellulari: dawn huma projbiti.[5]

Oġġetti tal-ħġieġ: L-istudenti għandhom ikunu mħeġġa biex jużaw kontenituri li jistgħu jiġu riċiklati jew jerġgħu jiġu wżati, u m'għandhomx jitħeġġu biex jieħdu fliexken l-iskola jew iġorruhom magħhom mill-*canteen*.

It-Tipjip[6] u l-Użu tal-Alkoħol: L-istudenti huma assolutament ipprojbiti milli jpejpu, jixorbu alkoħol, jew jużaw xi sustanzi pprojbiti bil-Liġi. Taħt l-ebda ċirkustanza m'għandhom in-nies fl-iskola jieħdu alkoħol jew ipejpu fl-iskola quddiem l-istudenti.

Materjal pornografiku[7]: Dan il-materjal huwa assolutament projbit mil-liġi u jingħataw kastigi lil dawk l-istudenti li jkollhom fil-pussess tagħhom dan il-materjal, iqassmuh jew ibijgħuh.

Armi: Oġġetti bil-ponta, skieken jew armi oħra li jintużaw biex jheddu, jibbulijaw, jew iweġġgħu lill-oħrajn huma assolutament ipprojbiti fl-iskola, waqt l-ivvjaġġar minn u lejn l-iskola, u waqt ħarġiet organizzati mill-iskola. Jittieħdu miżuri xierqa.

## *2.3 Ħolqien ta' Standards għall-Klassi*

Fil-klassi, l-għalliema għandhom jinvolvu lill-istudenti fi proċess parteċipattiv biex jinħolqu *standards* għall-klassi waqt li jiżguraw li dawn ikunu konformi mar-regoli ta' l-iskola. Dan il-proċess jinkludi:

- il-ħolqien ta' sett ta' regoli bażiċi għall-klassi,
- lista tal-konsegwenzi li jġibu magħhom imġibiet mhux xierqa,
- diskussjoni bejn il-klassi jew il-*form teachers*, studenti u l-amministrazzjoni ta' l-iskola fuq dawn il-listi li jagħmlu parti mill-Ftehim Għalliem-Student,
- wiri tal-Ftehim fil-klassi,
- implimentazzjoni tal-Ftehim, u
- reviżjoni regolari tal-Ftehim li jgħin lill-għalliem u l-istudenti biex jintegraw l-esperjenzi fi ftehim modifikat.

## It-Tielet Taqsima: Inkorraġiment, Affermazzjoni, Premjijiet u Sanzjonijiet

### *3.1 Introduzzjoni*

Il-kwistjoni tad-dixxiplina fl-iskejjel hija waħda kumplessa. Dan għax id-dixxiplina fl-iskejjel hija determinata mhux biss minn dak li jiġri *gewwa* l-iskola iżda, fil-parti l-kbira, minn dak li jiġri *barra* mill-iskola.

Dawk il-proċessi dixxiplinarji fl-iskola li jserrħu fuq is-sanzjonijiet, fl-aħħar mill-aħħar jippromwovu sottomissjoni u manipulazzjoni iżjed milli l-iżvilupp individwali u tal-grupp. Id-dixxiplina f'kuntest edukattiv għandha tmur lil hinn mit-temi ta' kontroll. Idealment, għandha tiffoka fuq temi ta' organizzazzjoni ta' l-iskola, kurrikulu, pedagoġija, rispett u kif dawn jistgħu jitħalltu biex joħolqu ambjent ordnat li fih jista' jseħħ it-tagħlim. L-għan aħħari jkun li tiġi żviluppata kodiċi nterna tad-dixxiplina fuq l-individwu, mhux mekkaniżmu ta' kontroll immexxi minn barra.

Biex dan jirnexxi, hemm bżonn issir konċentrazzjoni fuq il-kunċetti ta' l-etos ta' l-iskola u s-sħubija ta' l-iskola ma' diversi entitajiet. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-Politika dwar l-Imġieba u d-Dixxiplina fl-iskejjel mhix se tkun biżżejjed biex waħedha tipprovdi soluzzjonijiet għall-problemi kollha ta' mġieba li jinqalgħu fl-iskola. Hija biss inizjattiva waħda mill-ħafna inizjattivi li l-iskejjel jieħdu bħala parti minn metodu sistemattizzat li jħaddan fih ftehim ċar tal-bżonnijiet kollha tal-komunita' ta' l-iskola.

### *3.2 Inkorraġġiment, Affermazzjoni u Premjijiet*

Fil-Kodiċi ta' l-Iskola dwar l-Imġieba u d-Dixxiplina għandu jkun hemm sistema ta' rinfurzar pożittiv. L-istudenti għandhom ikunu mħeġġa biex iġibu ruħhom sew lejn il-membri kollha fi ħdan il-komunita' ta' l-iskola. L-għalliema għandhom iżommu bil-miktub il-mod kif iġibu ruħhom l-istudenti u fejn meħtieġ ifaħħruhom biex jiżguraw li dan il-għan jintlaħaq u ma jitħallatx max-xogħol akkademiku. L-

għanijiet prinċipali ta' dan il-metodu huma li jitrawwem klima fejn l-istudenti kollha, minkejja d-differenza fl-abbiltajiet akkademiċl tagħhom, jaġixxu b'mod pożittiv, u joħolqu etos fejn l-imġieba tajba u xierqa ssir parti mill-ħajja ta' kuljum.

Jekk hemm sistema bbażata fuq sanzjonijiet għandha tiġi mqabbla ma' sistema li ta' spiss tagħmel użu minn inkoraġġiment pożittiv u struttura affermattiva. Ir-rinfurzar ta' mġieba tajba jista' jseħħ ladarba jkun rikonoxxut, aċċettat u msaħħaħ. Dik is-sistema mhix magħmula biss mill-għoti ta' merti. Hija iżjed il-mod ta' kif wieħed jinqeda b'lingwaġġ tajjeb fil-kuntatti tiegħu ma' l-istudenti u bil-mod kif wieħed iwassal il-valuri assoċjati ma' mġieba tajba. B'dan il-mod, titnaqqas il-possibilta' li l-istudenti li għandhom nuqqas ta' fiduċja fihom infushom ifittxu l-attenzjoni ta' min hu fl-istess sitwazzjoni tagħhom.

It-tħaddim ta' sistema li tgħaqqad l-inkorraġġiment, l-affermazzjoni u l-premjijiet ma' sanzjonijiet għandha tkun ta' spiss u konsistenti. L-iżjed parti kruċjali tas-sena skolastika hija l-ewwel ġimgħat ta' l-iskola fejn l-istudenti jiġu mgħarrfa x'inhu mitlub minnhom u kif l-imġiba tajba tista' tiġi ppremjata jew ikkastigata.

Din hija lista ta' eżempji ta' kif jista' jintuża' r-rinfurzar pożittiv:

- Tifħir spontanju mill-għalliema, mill-*Form Teacher*, l-Assistant Kap u l-Kap ta' l-Iskola: dan il-metodu huwa wieħed mill-aktar sempliċi iżda fl-istess ħin effettiv ħafna biex jirrikonoxxi u jafferma l-isforzi u l-ħidmiet tajba ta' l-istudenti;
- Xi avviżi u ċelebrazzjonijiet li jitħabbru waqt il-laqgħa ta' filgħodu rigward ħidmiet li rnexxew kemm fl-iskola kif ukoll barra mill-iskola;
- Rikonoxximent bil-miktub tal-kwalitajiet personali ta' l-istudenti li jiffurmaw parti mill-komunita' ta' l-iskola; il-membri fi ħdan il-komunita' ta' l-iskola huma l-*prefects* tal-klassi, il-*prefects* ta' l-iskola, il-*prefects* fuq it-trasport ta' l-iskola, dawk li jgħinu fil-librerija, u membri tal-Kunsill ta' l-Istudenti;
- Rapport pożittiv dwar l-istudenti mibgħut lill-ġenituri mill-għalliema tal-klassi jew tas-sena;
- Affermazzjoni bil-miktub ta' l-isforzi pożittivi ta' l-istudenti miżmuma fid-Djarju ta' l-Iskola;
- Marki għall-isforzi li jagħmlu l-istudenti f'kull suġġett fil-kurrikulu u li jkunu miżmuma fil-portfolju ta' l-istudenti. Dawn il-marki għandhom jingħataw kull tant żmien u jkun imsemmija f'Jum il-Premjazzjoni;
- Sistema li tirreġistra l-ħidmiet ta' l-istudenti u li fiha jinżamm rekord tal-*credits,* ċertifikati, marki għall-isforzi ta' l-istudenti li jirrikonoxxu l-ħidmiet tagħhom, l-imġiba tajba, progress fil-livelli milħuqa kif ukoll xi ħidmiet straordinarji. Dawn ir-reġistri għandhom jitqiegħdu go fajls individwali li jkunu ppreżentati lill-istudenti f'Jum il-Gradwazzjoni fi tmiem l-iskola sekondarja flimkien maċ-ċertifikat ta' l-aħħar ta' l-iskola; dawn isiru ħaġa waħda mill-portfolji ta' l-istudenti;
- Wirja tax-xogħol ta' l-istudenti fil-klassi jew f'postijiet prominenti fl-iskola jew barra mill-klassi;

- Punti li jingħataw fil-klassi għal imġieba tajba u li jiffurmaw parti minn Sistema Kumulattiva ta' Punti;
- Ċertifikati ta' l-Aħħar li jirrikonoxxu mġieba tajba;
- Rikonoxximent u manifestazzjoni tal-isforzi kollha tal-klassi;
- Rikonoxximent tal-kwalitajiet personali ta' l-istudent mill-istaff u minn sħabu permezz tas-sistema tal-*prefects* ta' l-iskola, tal-*prefects* tat-trasport tal-iskola, tal-librar ta' l-iskola, tar-rappreżentanti tal-kunsill ta' l-iskola, kif ukoll tal-kunsill ta' l-istudenti;
- Ittri ta' apprezzament u tifħir mill-Kap ta' l-Iskola għall-ħidmiet eċċezzjonali jew għas-servizz mogħti lill-iskola f'okkażjonijiet formali;
- Xi rakkomandazzjonijiet/tifħir li huma miżmuma fil-portfolju ta' l-istudenti u mgħoddija lill- *Management Team* ta'l-Iskola;
- Portfolji.

### *3.3 Sanzjonijiet*

Kondotta tajba fil-klassi u fl-iskola għandha tingħata importanza kbira. Din tirrifletti sforz min-naħa tal-komunita' ta' l-iskola biex tagħti dehra pożittiva tal-iskola bħala komunita' intelliġenti u altruista. M'għandhiex tkun aċċettata dik il-kondotta li ma twassalx għal dan il-għan. L-użu ta' sanzjonijiet irawwem ambjent li joħloq skop u li jagħti messaġġ ċar li kull att negattiv ikun ittrattat bl-appoġġ tal-maġġoranza tal-komunita' kollha ta' l-iskola li ġġib ruħha tajjeb.

Kull skola jeħtiġilha toħloq <u>sistema kostruttiva ta' sanzjonijiet</u> li:

- Hija msejsa fuq ir-rispett ħalli jkun żgurat il-prinċipju fundamentali taċ-ċertezza;
- Tkun imposta b'mod ġust u fuq il-bażi tar-rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-persuna konċernata;
- Taqbel mal-bżonnijiet partikulari u l-kuntest ta' l-iskola;
- Tkun flessibbli biżżejjed biex tagħti każ ta' xi ċirkustanzi individwali;
- Tipprova twaqqaf l-imġiba ħażina mill-bidu;
- Minflok ma tgħid x'għandhom ikunu s-sanzjonijiet għal ċerti mġibiet ħżiena, għandha tagħmel distinzjoni bejn atti li huma żgħar, li huma serji jew li huma gravi;
- Titlob li tingħata spjegazzjoni ċara lill-istudenti dwar in-natura u l-prinċipji marbuta mas-sanzjonijiet;
- Tagħti spazju lill-għalliema biex ibiddlu dawn is-sanzjonijiet wara diskussjonijiet. Dan il-bdil għandu jirrifletti r-rispett lejn l-istudenti bħala individwi.
- M'għandux jingħata kastig lill-grupp (klassi) kollu, sakemm il-grupp kollu ma kienx involut f'xi inċident; u
- Fiha nnifisha hija opportunita' ta' tagħlim li jsaħħaħ l-imġiba tajba.

Il-ġenituri għandhom mill-ewwel jiġu infurmati dwar imġieba ħażina mwettqa minn uliedhom li tkun serja jew gravi, u l-koperazzjoni tagħhom għandha tkun mitluba

biex l-azzjoni ħażina tiġi rimedjata. Huwa rakkomandat li l-ġenituri jiġu nvoluti mill-bidu nett mhux fl-aħħar.

Dawn il-miżuri jintużaw biex jittieħdu passi dixxiplinari f'livelli differenti ta' mġieba mhux aċċetabbli.

*L-ewwel livell* sanzjonijiet jingħataw għal xi offiżi minuri li jiġru rari jew darba kultant;
*It-tieni livell* sanzjonijiet jingħataw għal offiżi iżjed serji mwettqa ta' spiss;
*It-tielet livell* sanzjonijiet għal offiżi gravi hafna.

### *3.3.1 L-ewwel livell: sanzjonijiet f'każ ta' offiżi minuri*

Wieħed m'għandux jinjora l-importanza ta' sanzjonijiet minuri bħal nota li tfakkar x'inhuma r-regoli ta' l-iskola u l-livelli mistennija mill-klassi. Xi kelma bil-kwiet, mhux quddiem l-istudenti l-oħra, xi kelma ta' twissija, jew tbeżbiża talli naqqsu milli jilħqu l-livelli mixtieqa jgħoddu bħala sanzjonijiet minuri. Sanzjoni oħra li tgħin lill-għalliema biex ilaħħqu ma' inċidenti minuri li jiġru ta' spiss hija li jżommu l-istudenti fil-brejk jew waqt il-ħin tal-ikel biex jagħmlu xi xogħol żejjed.

### *3.3.2 It-tieni tarġa: sanzjonijiet f'każ ta' offiżi serji*

Biex jiġu iffaċjati inċidenti serji jew sensiela ta' inċidenti dwar imġieba mhux xierqa, l-istudenti jista' jinbidlilhom posthom fil-klassi, jew ma jitħallewx jagħmlu biċċa xogħol. F'dan il-livell ta' sanzjonijiet, l-għalliema tas-sena jew l-Assistent Kap tal-iskola għandu jkun involut, speċjalment jekk l-imġieba ta' l-istudent ma tinbidilx wara li jingħata dawn is-sanzjonijiet. Xi miżuri oħra dixxiplinari jistgħu jkunu:

- *Xogħol żejjed:* mogħti lill-istudenti iżda li jrid ikun fih valur edukattiv;
- *Ħin barra mill-klassi:* l-istudenti jitneħħew mill-klassi għal ħin qasir sakemm jikkalmaw iżda m'għandhomx jitħallew waħedhom. L-aħjar li dawn l-istudenti jingħataw biċċa xogħol siewja x'jagħmlu biex jagħmlu tajjeb għal dak li jkunu wettqu;
- *Rapport bil-miktub:* mibgħut lill-Form Teacher;
- *Nota miktuba lill-ġenituri* u li titniżżel fid-Djarju Personali ta' l-Iskola;
- *Nota iffirmata mill-ġenituri* li tirrikonnoxxi l-imġiba ħażina tat-tfal;
- *Kastig wara l-ħin tal-iskola:* din ghandha tintuża f'każijiet rari, meta din it-tip ta' sanzjoni tkun se tintuża', il-ġenituri għandhom ikunu nfurmati bil-quddiem dwar dan il-kastig u jingħataw id-dettalji neċessarji. Għandha tkun l-amministrazzjoni ta' l-iskola li tawtorizza din il-miżura dixxiplinarja. Il-ġenituri għandhom jieħdu ħsieb it-trasport f'dan il-każ.

### *3.3.3 It-tielet livell: sanzjonijiet għal offiżi gravi hafna*

Sanzjonijiet f'dan il-livell jinkludu:

- L-istudenti jintbagħtu għand l-Assistent Kap jew Kap ta' l-Iskola;
- Suspensjoni mill-kumplament tal-lezzjonijiet tal-ġurnata;
- Bidla temporanja tal-klassi;

- Suspensjoni għal ftit ġranet: din is-sanzjoni tiġi approvata u applikata biss mill-Kap ta' l-Iskola wara li l-ġenituri jew xi ħadd li jieħu ħsieb it-tfal ikun infurmat.
- Tkeċċija: din għandha tintuża' biss f'każijiet rari ħafna ta' nuqqas ta' dixxiplina u wara li jkun falla kull sforz ta' riabilitazzjoni mill-Pastoral Care Team, u wara li kull sanzjoni tkun ġiet utilizzata. Il-Bord Nazzjonali responsabbli mill-Imġieba fl-Iskejjel għandu jkun ikkonsultat.

Għall-ebda raġuni m'għandu jintuża' s-swat.

**Ir-Raba' Taqsima: Linji-gwida f'Ċirkustanzi Partikulari**

## *4.1 Linji-gwida għal ċirkustanzi partikulari*

*Ħruġ mill-iskola*
Sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jitilqu mill-iskola qabel il-ħin, il-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsieb it-tfal għandhom jiġbru t-tfal huma u jieħdu magħhom il-karta ta' l-identita'. Uffiċjal għoli fl-iskola għandu jkun mgħarraf li l-istudent se jitlaq mill-iskola u jingħata raġuni mill-ġenituri għaliex se jitlaq qabel.

*Ħruġ mill-Iskola f'Każ ta' Emerġenza*
F'każ li l-iskola tirċievi aħbar ta' theddid, l-iskola għandha ssegwi l-istruzzjonijiet tal-pulizija skond proċeduri stabbiliti u jiżguraw li ma jsirux ostakli għax-xogħol tal-pulizija. F'każ ta' evakwazzjoni, kulħadd għandu jinħareġ mill-bini. L-istudenti jittieħdu f'post mingħajr periklu. Jekk il-ġenituri jaslu fil-post ta' l-evakwazzjoni, huma jkunu mħeġġa jmorru f'post mingħajr periklu ma' uliedhom, iżda t-tfal ma jitħallewx jitilqu.

Dawk l-istudenti bi bżonnijiet speċjali jkollhom proċeduri ta' evakwazzjoni differenti. Il-facilitators li jieħdu ħsieb dawn l-istudenti jkunu mgħarrfa mill-*Management Team* ta' l-iskola dwar pjan ta' evakwazzjoni individwali. Dawn il-proċeduri ta' evakwazzjoni għandhom jiġu prattikati ta' spiss skond struzzjonijiet ċari mogħtija mis-Safety Teacher.

*Assenteiżmu ta' Spiss*
Assenteiżmu ta' spiss, anki jekk koprut b'ċertifikat mediku, għandu jkun rapportat lil *Welfare Section* ta' l-Edukazzjoni fi ħdan id-Dipartiment għas-Servizzi tal-Istudent. F'każ ta' assenteiżmu frekwenti, għandha tkun misjuba r-raġuni u rimedjata. Każijiet ta' skartar għandhom ikunu trattati mill-amministrazzjoni ta' l-iskola.

*Assenteiżmu ta' natura speċjali li jista' jiġi skużat*
*Vjaġġar barra minn Malta:* Biex jingħata permess għal assenteiżmu mill-iskola għal skop ta' safar hemm bżonn ta' eżenzjoni temporanja li tista' tkun

awtorizzata mill-iskola jekk l-assenza hi għal tliet ġimgħat[9]. F'każ li l-assenza hi għal perjodu itwal jenħtieġ li jiġu segwiti l-proċeduri kif imsemmija fiċ-ċirkulari.

*Appuntamenti Mediċi:* L-aħjar kieku l-appuntamenti mediċi jsiru barra mill-ħin ta' l-iskola. Jekk l-istudenti jkollhom bżonn jitilqu mill-iskola waqt il-ġurnata, il-ġenituri għandhom jinfurmaw membru tas-*Senior Management Team* li mbagħad jagħti l-kunsens tiegħu biex l-istudent/i jkunu jistgħu jitilqu mill-iskola. Il-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsieb l-istudenti għandhom jieħdu magħhom il-karta ta' l-identita' tagħhom meta jiġbru lill-istudenti mill-iskola.

*Mard u Inċidenti:* F'każ li l-istudenti jimirdu jew iweġġgħu fl-iskola, l-istudenti għandhom jinfurmaw lill-għalliema immedjament. Il-Kap ta' l-Iskola jew l-Assistent tiegħu/tagħha għandu jieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' l-istudenti. Il-ġenituri għandhom jiġu infurmati jekk uliedhom jimirdu waqt il-ħin ta' l-iskola jew ikollhom bżonn jittieħdu l-isptar, u għandhom isiru l-arranġamenti neċessarji. F'każ li xi ġenituri jonqsu milli jiġbru lit-tfal mill-iskola, l-istudent/i għandhom ikunu akkumpanjati lejn iċ-Ċentru tas-Saħħa jew l-isptar. Is-Servizzi Inkarigati mis-Saħħa tat-tfal għandhom ikunu infurmati b'dawn il-każijiet.

*Ikkupjar waqt l-Eżamijiet*

Waqt l-eżamijiet, l-istudenti għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jaħdmu l-karta ta' l-eżami. M'għandux jitħalla ikkupjar minn fuq studenti oħra, jew minn fuq xi sorsi oħra. Passi dixxiplinari, bħal telfien ta' marki jingħataw f'dawn il-każijiet.

*Każijiet suspettati ta' abbuż fuq it-tfal*

Abbuż fuq iż-żgħar itellef l-iżvilupp tat-tfal u l-kapaċita' tagħhom biex jikbru, jitgħallmu u jkunu kuntenti. Din taffetwa lit-tfal b'mod negattiv u tista' tagħmlilhom ħsara għal ħajjithom kollha. Hu obbligu ta' l-għalliema u l-edukaturi li jirreferu dawn il-każijiet ta' abbuż fuq it-tfal li ġraw jew li huma suspettati, lill-awtoritajiet konċernati u lil dawk li qegħdin joffru servizzi relatati.

Fejn ikun suspettat xi abbuż, il-każ għandu jiġi riferut lis-sezzjoni inkarigata mill-Proċeduri dwar il-Protezzjoni tat-Tfal stabbilita mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Jekk l-iskola jkollha bżonn xi konsultazzjoni, għandha tikkuntatja lis-Servizzi dwar il-Ħarsien tat-Tfal:

> Servizzi dwar il-Ħarsien tat-Tfal, Diviżjoni tal-Edukazzjoni, Il-Mall, Il-Furjana. Tel: 226361; Fax: 228092

L-iskejjel għandhom jinqdew bil-politika dwar il-protezzjoni tat-tfal[10] maħruġa mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni li tidentifika l-proċeduri li għandhom jimxu magħhom dawk li jaħdmu fl-iskejjel f'każ ta' suspett ta' abbuż fuq it-tfal.

*Każijiet ta' Abbuż ta' Droga suspettati jew magħrufa*

L-abbuż tad-droga jagħmel ħsara lill-istudenti, jhedded is-sigurta' fl-ambjent ta' l-iskola, u jfixkel il-proċess edukattiv. Huwa d-dmir u l-obbligazzjoni ta' l-istaff tal-

iskola li jieħu l-miżuri neċessarji biex jipprevjeni, inaqqas u jelimina l-abbuż tad-drogi fl-iskejjel.

F'każ li xi student jinqabad li għandu fil-pussess tiegħu sustanzi illegali jew affarijiet marbuta ma' sustanzi illegali, għandu mill-ewwel jiġi infurmat il-bniedem inkarigat fit-Taqsima ta' Kontra d-Drogi fl-Għassa tal-Pulizija, u l-istudent għandu jinżamm taħt sorveljanza stretta. Il-Kap ta' l-Iskola għandu javża lill-ġenituri immedjatament bil-każ. Il-*management personnel* ta' l-Iskola għandhom jikkonsultaw id-dokument uffiċjali tal-politika dwar l-abbuż illegali tad-droga maħruġ mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.[11]

*Bullijar*

Kull tip ta' mġieba formali jew fiżika li tweġġa', tintimida jew iddgħajjef l-integrita' u d-dinjita' tal-bniedem, bħal tlaqqim, tgħajjir, inkejja, theddid u użu ta' vjolenza fiżika huma kollha forom ta' bullijar. Bullijar ta' kull xorta huwa projbit fl-iskejjel u l-miżuri neċessarji għandu jittieħdu mill-iskola biex jipprevjenu u jtemmu dawn l-atti.

Dawk li jaħdmu fl-iskola għandhom jikkonsultaw id-dokument dwar il-politika kontra l-ibbulijar maħruġ mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

Dawk il-każijiet ta' bullijar li l-iskola m'għandhiex il-poteri eżekuttivi biex tieħu azzjoni fuqhom u każijiet oħra fejn il-bullijar huwa persistenti u fejn l-iskola għamlet minn kollox biex issolvi l-każ għandhom ikunu referuti lill-Bord Nazzjonali għal Imġiba.

*Pornografija u Korruzzjoni tal-Minuri*

Materjal pornografiku bl-ebda mod ma jista' jittieħed l-iskola u tittieħed azzjoni jekk xi studenti jippruvaw jimitaw xi atti sesswali. Is-sanzjonijiet għandhom ikunu iżjed serji kemm il-darba l-materjal pornografiku jitqassam jew jinbiegħ lil xi membri oħra fi ħdan il-komunita' ta' l-iskola. L-iskejjel għandhom jinqdew bil-Proċeduri tal-Protezzjoni tat-Tfal għall-iskejjel li jitratta b'każijiet ta' abbuż sesswali bla kuntatt.

*Mistiedna fl-Iskola*

Il-ġenituri u l-mistiedna kollha li jmorru fl-iskola għandhom l-ewwel imorru fl-uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola jew f'dak tad-delegat tiegħu u juru l-karta ta' l-identita' tagħhom.

Dawk li jridu jagħmlu xi tip ta' negozju fl-iskola jkunu meqjusa bħala mistiedna u għandhom ikunu megħjuna jilħqu l-għan tagħhom.

Il-ġenituri li jgħixu separati minn uliedhom m'għanhomx jużaw l-iskola bħala l-posta fejn jiltaqgħu magħhom.

## Il-Ħames Taqsima: Imġieba Mixtieqa min-Naħa tal-Ġenituri

### *5.1 Introduzzjoni*

Sabiex l-iskola jirnexxilha timxi tajjeb u sabiex it-twettiq ta' mġieba tajba u dixxiplina effettiva sseħħ fl-iskola, hemm bżonn li l-iskola tagħraf tissieħeb mal-ġenituri. L-iskola għandha tgħin biex il-ġenituri jħossuhom li huma importanti fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Għalhekk, għandhom isiru rabtiet bejn l-iskola u d-dar permezz ta' attivitajiet li jsiru ta' spiss ħalli jinvolvi lill-ġenituri f'affarijiet edukattivi. Iżda, min-naħa tagħhom, il-ġenituri għandhom jirrikonoxxu li huwa fir-responsabbilta' tagħhom li joħolqu rabta tajba ma' l-iskola.

### *5.2 X'għandhom jippretendu l-Iskejjel mill-Ġenituri*

1. Li jkollhom informazzjoni dettaljata dwar l-indirizzi tal-ġenituri kemm tad-dar kif ukoll tax-xogħol, flimkien man-numri tat-telefon kollha. Jekk ikun hemm xi bidliet f'xi indirizzi, numri tat-telefon tad-dar jew tax-xogħol, kif ukoll numri tat-telefon li jistgħu jintużaw f'każ ta' emerġenza, dawn għandhom igħadduhom lill-iskola ħalli jkollha informazzjoni korretta. Huwa importanti wkoll li l-ġenituri kollha jgħaddu t-tagħrif kollu neċessarju lill-iskola biex din tinqeda bih f'każ ta' emerġenza.

2. L-iskola għandu jkollha informazzjoni fuq l-istorja medika tat-tfal ħalli tkun tista' tħares is-saħħa u s-sigurta' tat-tfal. Din l-informazzjoni għandha tinkludi dettalji dwar x'għandu jew x'ma għandux isir f'każ ta' xi inċidenti.

3. Il-ġenituri għandhom jieħdu magħhom l-karta tal-identita' kull meta jkunu se jiġbru lil uliedhom qabel ma tispiċċa l-iskola.

4. Parteċipazzjoni attiva f'attivitajiet soċjali, edukattivi u kurrikulari li jsaħħu, jippromwovu, u jrawwmu l-etos ta' l-iskola, bħal:
   - Sħubija fil-Kunsill ta' l-iskola jew f'wieħed mill-kumitati fi ħdanu;
   - Xogħol volontarju marbut mal-ġbir ta' fondi u attivitajiet soċjali;
   - Għarfien tal-bżonnijiet edukattivi tal-ġenituri, u pjanar u organizzazzjoni ta' attivitajiet biex jintlaħqu dawn il-bżonnijiet;
   - Għajnuna għal studenti bi bżonnijiet speċjali kif stabbilit fil-linji-gwida maħruġa mis-*Senior Management Team.*

5. Il-ġenituri li verament jixtiequ jużaw dixxiplina pożittiva ma' uliedhom għandhom ikunu huma minn ta' l-ewwel li joffru eżempju tajjeb għal uliedhom. Dan ir-rwol eżemplari għandu jinkludi wkoll l-imġieba ħdejn l-iskola jew ġewwa l-iskola. Għal dan il-għan l-iskola tistenna li l-ġenituri:
   - juru rispett lejn l-għalliema, l-amministrazzjoni u dawk kollha li jaħdmu fl-iskola;
   - jitolbu appuntament mill-Kap ta' l-Iskola jekk ikunu jridu jkellmu lil xi ħadd mill-istaff fejn appuntament ikun neċessarju;
   - iżommu lura milli jkellmu lill-għalliema qabel u wara il-ħin ta' l-iskola, fl-iskola u barra mill-iskola mingħajr permess;

- jiddiskutu lmenti speċifiċi mal-Kap ta' l-Iskola mhux fil-preżenza tal-istudenti;
- għandu jintuża' ton rispettabbli meta jkunu qegħdin jitkellmu mal-għalliema, ma' l-amministrazzjoni jew ma' nies oħra;
- m'għandhomx ipejpu waqt li jkunu qegħdin iwasslu lil uliedhom l-iskola kifukoll meta jkunu fl-iskola;
- jilbsu onest meta jmorru l-iskola;
- jikkoperaw ma' l-iskola fuq politika dwar:
  - ikel nutrittiv,
  - basktijiet ta' l-iskola,
  - kodiċi ta' lbies; uniformijiet għas-sajf u għax-xitwa, ħwejjeġ li jintużaw għal eżerċizzji fiżiċi, ħruġ u okkażjonijiet soċjali,
  - attendenza regolari - il-ġenituri għandhom jinfurmaw l-iskejjel dwar mard jew assenza temporanja u iġibu ċertifikat mediku f'każ ta' mard,
  - puntwalita'
- flus jew dehbijiet,
- rispett lejn l-iskola u l-proprjeta' ta' l-istudenti,
- responsabbilta' għall-kotba, għall-kotba tal-librerija u materjal ieħor ta' l-iskola jew li jkun misluf;

6. Imġiba mingħajr theddid. Ma jiġix aċċettat l-ebda tip ta' theddid min-naħa tal-ġenituri. Tista' tintalab l-għajnuna tal-pulizija jekk jinqalgħu dawn ċ-ċirkustanzi.

7. Dawk li jieħdu ħsieb it-tfal u mhumiex il-ġenituri tagħhom proprja m'għandhomx jagħmlu pressjoni biex iżuru l-iskola.

Kull għajnuna min-naħa tal-ġenituri għandha tkun rikonoxxuta u apprezzata.
Kull skola għandha tikkonsulta l-Kunsill ta' l-Iskola biex tipprepara dokument li faċli jintftiehem dwar x'għandhom jippretendu l-ġenituri u l-istudenti mill-iskola.

-----------------

## Appendiċi:

**i.** Dokumenti kkonsultati
**ii.** Ħaddiema tal-Kumitat Ministerjali
**iii.** Glossarju

## Appendiċi i: Dokumenti Ikkonsultati


1. Association of Secondary School Teachers of Ireland: *School Discipline - Advice for Teachers and School Authorities.* Ireland: ASTI. 55 paġni.
2. *Attendance and Punctuality Policy Document.* St.Thomas the Apostle School (UK).

3. *Behaviour and Discipline - policy and practice guidelines.* Halifax, Canada: Halifax Catholic High School.
4. *Behaviour and Discipline - policy adopted by the Governors.* London, UK: Twyford Church of England High School, June 1995.
5. *Code of Conduct.* San Andrea School. In: *Welcome Back to School,* Scholastic Year 1999/2000. Middle and Senior School.
6. *Code of Conduct.* St. Thomas the Apostle College, 1995.
7. *Code of Student Conduct and Discipline.* http://www.unt.edu/student/code_of_student.htm
8. Council of School Attorneys: *Student Dress Code in the 1990's.* Texas, USA: National School Boards Association, 1995.
9. *Discipline Framework.* Pembroke: Sir Adrian Dingli Girls' Junior Lyceum.
10. Department of Education and Science and the Welsh Office: *Discipline in Schools: Report of the Committee of Inquiry chaired by Lord Elton.* London: HMSO. 292 paġni.
11. *Discipline: Rules and Sanctions.* Hamrun: Maria Assumpta Girls Area Secondary School. 10 paġni.
12. Donnellan, Anne M. et. Al.: *Progress without Punishment: effective approaches for learners with behavior problems.* New York: Teachers College Press, 1988.
13. *Education Act, 1988* (Act XXIV of 1988).
14. **Ġabra ta' Tagħrif Ġenerali dwar l-Iskola għall-Użu ta' l-Istudenti u tal-Ġenituri**. Żejtun: Liċeo tal-Bniet Carlo Diacono. 33 paġni.
15. *General Behaviour and Classroom Discipline.* London, UK: Bishop Ramsey Church of England High School.
16. HM Inspectors: *Education Observed 5: Good behaviour and discipline in Schools.* Middlesex, UK: Department of Education and Science, 1987, 32 Paġni.
17. *Ir-Regoli.* Naxxar: Furtu Selvatico Boys' School, 2000. 7 paġni.
18. *Lejn Imġiba Tajba fl-Iskola.* Verdala: Liċeo Ġużeppi Despott, [2000], 17 paġni.
19. Martin, Maeve: *Report to the Minister for Education Niamh Bhreathnach, T.D. on Discipline in Schools.* Ireland, Spring 1997.
20. McCaleb, Sudia Paloma: *Building Communities of Learners: a colloboration among Teachers, Students, Families and Communities.* New Jersey: Lawrence Erlbaum Associates, 1994.
21. *National Minimum Conditions Regulations for all Schools.* Legal Notice 150 of 1990.
22. Nicoll, William: "Family-School Dynamics & Student Achievement". Paper presented during the ICASSI '95 28th Annual Rudolf Dreikus Summer Institute, Malta, July 16-29, 1995.
23. *Online Student/Family Handbook, 1999-2000.* Central Middle School.
24. *Pupil Guidelines on Behaviour and Conduct.* Halifax, Canada: Halifax Catholic High School, 1998.
25. *Regolamenti għall-Istudenti.* Santa Luċia: Liċeo Margaret Mortimer.

26. *Regolamenti ta' l-Iskola.* Ħamrun: Skola Primarja Dun Frans Camilleri. 4 paġni.
27. *Regoli tad-Dixxiplina għall-Iskejjel tal-Gvern.* Floriana: Ministeru ta' l-Edukazzjoni, 1980. 47 paġni.
28. *School Behaviour Policy.* Ħamrun: Adelaide Ċini Girls' Secondary School, February 2000.
29. *School Discipline Policy.* St. Theresa Junior Lyceum, Mrieħel. 24 pages.
30. *Secondary and Sixth Form Regulations.* B'Kara: St. Aloysius College. 7 paġni.
31. *Student Discipline: A Teacher's Guide.* Texas, USA: Texas Association of School Boards.
32. *Student Discipline Policy and Expulsion Criteria.* New Jersey, USA: Princeton Charter School (PCS), 1999.
33. *Students' Discipline Policy.* Valletta: St. Albert the Great College, 2000.
34. *Students' Handbook.* Ħamrun: Dun Ġużepp Żammit Brighella Boys' Junio Lyceum, November 1999. 33 paġna. [speċjalment paġni 11 – 27]

## Appendiċi ii: Membri tal-Kumitat Ministerjali

Il-Kumitat Ministerjali li ħa ħsieb il-Kodiċi tad-Dixxiplina u l-Imġiba huma magħmul minn dawn il-membri:

| | | |
|---|---|---|
| Ms Georgina Cachia | Assistant Director (Operations) | Chairperson |
| Ms Nora Macelli | Policy Co-ordinator (Education) | Vice-Chairperson |
| Mr Anthony Micallef Debono | Guidance Teacher | MUT Representative |
| Ms Marilyn Sciortino | Head of School | MUT Representative |
| Ms Louisette Pace | Head of School | Member/Secretary |
| Mr Emmanuel Chetcuti | Head of School | Member |
| Ms Muriel Bonnici | Assistant Head of School | Member |

## Appendiċi iii: Glossarju

**Tfal:** Dawk l-istudenti kollha li jattendu l-iskola minn tliet snin sa sittax-il sena.

**Membru ta' l-istaff rakkomandat:** Dak il-membru ta' l-istaff li bis-saħħa tar-responsabbilta' li ngħata jew bis-saħħa tal-grad tiegħu, huwa responsabbli għall-irwol tiegħu.

**Tkeċċija:** It-tkeċċija tat-tfal mill-iskola għal perjodu indefinit, wara li jkunu ttieħdu l-miżuri neċessarji.

**Sostitut tal-ġenituri:** Il-persuna li hija legalment imqabbda biex tieħu ħsieb it-tfal; persuna li għandha f'idejha l-kustodja tat-tfal; ġenituri addottivi; persuna li qiegħda tagħmel *fostering* tat-tfal.

**Ġenitur:** L-omm naturali jew il-missier naturali tat-tfal/studenti.

Barra minn dan, il-liġi tirrikonoxxi li, dawk in-nies kollha fl-iskejjel bħall-Kapijiet tal-Iskejjel u l-għalliema, jistgħu jkollhom l-irwol ta' *loco parentis* - persuni li għandhom ir-responsabbilta' tat-tfal f'idejhom. Il-Kap ta' l-Iskola, bħala l-Kap ta' entita' edukattiva, għandu jassumi r-responsabbilta' ta' l-azzjonijiet ta' l-għalliema rigward is-saħħa ta' l-istudenti fil-klassi.

Barra minn dan, skond il-liġi, ix-xufiera tat-trasport ta' l-iskola huma wkoll meqjusa li għandhom irwol ta' *loco parentis* waqt li qegħdin iwasslu lill-istudenti lejn u minn l-iskola. Jekk, kemm il-darba, ix-xufier tal-linja jirrapporta lill-Kap ta' l-Iskola dwar imġiba u azzjonijiet ħżiena fuq tal-linja, imbagħad, wara li r-rapport ikun magħmul, il-Kap ta' l-Iskola li, huwa biex jieħu responsabbilta' ta' din l-imġiba, għandu jieħu rwol ta' *loco parentis*.

**Sanzjonijiet:** Sensiela ta' azzjonijiet ħarxa li huma intenzjonati li jiżguraw li l-istudenti jtejbu l-imġiba tagħhom u jħarsu r-regoli ta' l-iskola. Huma tip ta' kastigi.

**Senior Management Team (SMT):** Is-SMT huwa magħmul mill-Kap ta' l-Iskola, l-Assistent Kap ta' l-Iskola, il-Koordinaturi tas-Suġġett u xi membri oħra ta' l-istaff delegati mill-Kap ta' l-Iskola. Is-SMT huwa normalment magħmul minn membri tal-istaff ta' l-iskola li, bis-saħħa ta' l-istatus jew id-delegazzjoni mogħtija lilhom, jieħdu ħsieb l-immaniġjar ta' l-iskola.

**Staff:** Dawk in-nies kollha li jaħdmu fl-iskola.

**Suspensjoni:** L-istudenti jinżammu milli jattendu l-iskola għal żmien qasir jew sakemm tittieħed deċiżjoni dwar x'tip ta' sanzjoni għandha tiġi applikata.

**Ħin barra:** Ħin qasir barra mill-klassi jew mill-attivita' li tkun qiegħda ssir fil-klassi sabiex l-istudent jikkalma.